*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,712, 25 ta' Frar, 2011*

*Taqsima B*

**A.L. 67 tal-2011**

**ATT DWAR IS-SIGURTÀ TAL-IKEL (KAP. 449)**

**Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Materjali li jiġu f'Kuntatt ma' Oġġetti tal-Ikel**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 tal-Att dwar is-Sigurtà tal-Ikel, il-Ministru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Kommunità għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Materjali li jiġu f'Kuntatt ma' Oġġetti tal-Ikel, u għandhom jinqraw u jifthiemu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2003 dwar Materjali li jiġu f'Kuntatt ma' Oġġetti tal-Ikel, hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 138 tal-2003.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fil-15 ta' Frar, 2011.

Skop.

**2.** (1) Regolament 3 jimplimenta l-provvedimenti tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2011/8/UE tat-28 ta' Jannar 2011 li temenda d-Direttiva 2002/72/KE fir-rigward tar-restrizzjoni tal-użu ta' Bisfenol A fil-fliexken tal-plastik għat-tisqija tat-trabi.

(2) Il-manifattura ta' materjali u tal-oġġetti tal-plastik intenzjonati li jiġu f'kuntatt ma' oġġetti tal-ikel u li ma jkunux konformi mad-Direttiva 2011/8/UE li temenda d-Direttiva 2002/72/KE, hija projbita mill-1 ta' Marzu 2011.

(3) It-tqegħid fuq is-suq u l-importazzjoni fl-Unjoni ta' materjali u tal-oġġetti tal-plastik intenzjonati li jiġu f'kuntatt ma' oġġetti tal-ikel u li ma jkunux konformi mad-Direttiva 2011/8/UE li temenda d-Direttiva 2002/72/KE, huwa projbit mill-1 ta' Ġunju 2011.

Jemenda l-Ħames Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**3.** Fil-Ħames Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, fis-Sezzjoni A fil-Parti II tagħha, minnufih wara l-partita 5 tagħha, għandha tidħol din il-partita ġdida li ġejja:

"6. Direttiva tal-Kummissjoni 2011/8/KE (ĠU L 26, 29.1.2011, p. 11-14)".

VERŻJONI ELETTRONIKA



**L.N. 67 of 2011**

## FOOD SAFETY ACT
## (CAP. 449)

### Materials in Contact with Foodstuffs (Amendment) Regulations, 2011

IN exercise of the powers conferred by article 10 of the Food Safety Act, the Minister for Health, the Elderly and Community Care has made the following regulations:-

Citation and commencement.

L.N. 138 of 2003.

**1.** (1) The title of these regulations is the Materials in Contact with Foodstuffs (Amendment) Regulations, 2011, and they shall be read and construed as one with the Materials in Contact with Foodstuffs Regulations, 2003, hereinafter referred to as "the principal regulations".

(2) These regulations shall be deemed to have come into force on the 15 February, 2011.

Scope.

**2.** (1) Regulation 3 implements the provisions of Commission Directive 2011/8/EU of 28 January 2011 amending Directive 2002/72/EC as regards the restriction of use of Bisphenol A in plastic infant feeding bottles.

(2) The manufacture of plastic materials and articles intended to come into contact with foodstuffs which do not comply with Directive 2011/8/EU amending Directive 2002/72/EC, shall be prohibited as from 1 March 2011.

(3) The placing on the market and importation into the Union of plastic materials and articles intended to come into contact with foodstuffs which do not comply with Directive 2011/8/EU amending 2002/72/EC, shall be prohibited as from 1 June 2011.

Amends the Fifth Schedule to the principal regulations.

**3.** In the Fifth Schedule to the principal regulations, in Section A in Part II thereof, immediately after item 5 thereof, there shall be added the following item:

"6. Commission Directive 2011/8/EU (OJ L 26, 29.1.2011, p. 11-14)".

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper***

**Prezz/*Price***
**€0.09**